**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Novembru, 2018

Rikors Guramentat numru : 122/13 AL

**A B**
**u b'digriet tas-16 ta' Dicembru**
**2015, Dr. Christopher Chircop u l-PL Joeline Pace Ciscaldi**
**gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex**
**jirrapprezentaw lill-assenti A B**

**vs**

**C sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

**<u>Dikjarazzjoni</u>**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Dicembru 1997 fir-registru pubbliku (Dok. A: Certifikat taz-zwieg)

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu E B fil-25 ta' Settembru 1999 u D B fis-6 ta' Mejju 2004 (Dok. B u Dok. C : Certifikati tat-twelid).
3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba komportament abbusiv tal-intimat versu kemm l-esponenti kif ukoll l-ulied.
4. Illi s-sitwazzjoni aggravat ruhha u specifikament wara li l-esponenti fehmet sew il-portata tas-sentenza P vs C sive Cie B 2/4/2003 fejn fuq ammissjoni l-intimat instab hati fuq akkuzi li kellhom x'jaqsmu mal-prostituzzjoni kif ukoll proceduri pendenti ukoll fir-rigward rejati sinili dok. D u E 1 u E2. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava meta skopriet l-varji web sites ta'natura sesswali li kien izur l-intimat, kif ukoll varji emails ta' natura sesswali li kien jibghat u jircievi l-intimat u l-facebook tal-intimat li wkoll kellu nformazzjoni ta' natura sesswali vide Dok. I 1 – 7.
5. Illi l-komportament tal-intimat kien tali li l-esponenti u l-minuri kellhom imorru jghixu Merhba Bik, anki wara laqgha li l-minuri E kellha ma school guidance teacher u l-parir tal-addetti tal-Agenzija Appogg u kien hemm ukoll bzonn tal-intervent tac-Child Protection services.
6. Illi minhabba dan, fl-interess tal-minuri l-kura u kustodja ghandha tkun f'idejn l-esponenti u l-access ghall-minuri tal-missier ghandu jkun fl-agenzija appogg u taht sorveljanza ta' addett tal-istess.
7. Illi l-partijiet diga ipprovdew ghal Separazzjoni tal-beni Dok. F.
8. Illi l-intimat ilu diversi xhur ma jghaddi manteniment lill-esponenti ghall-minuri. L-ahhar li hallas manteniment kien Marzu 2013.
9. Illi l-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet nru. 1019/13 (Dok. Dig)
10. Illi l-attrici tkun tista` telabora fuq il-fatti bid-dettal tul l-andament tal-kawza.

**Raguni tat-talba**

11. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Dicembru 1997 fir-registru pubbliku (Dok. A: Certifikat taz-zwieg)

12. Illi minn dan iz-zwieg twieldu E B fil-25 ta' Settembru 1999 u D B fis-6 ta' Mejju 2004 (Dok. B u Dok. C : Certifikati tat-twelid).
13. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba komportament abbusiv tal-intimat versu kemm l-esponenti kif ukoll l-ulied.
14. Illi s-sitwazzjoni aggravat ruhha u specifikament wara li l-esponenti fehmet sew il-portata tas-sentenza P vs C sive Cie B 2/4/2003 fejn fuq ammissjoni l-intimat instab hati fuq akkuzi li kellhom x'jaqsmu mal-prostituzzjoni kif ukoll proceduri pendenti ukoll fir-rigward rejati sinili dok. D u E 1 u E2. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava meta skopriet l-varji web sites ta'natura sesswali li kien izur l-intimat, kif ukoll varji emails ta' natura sesswali li kien jibghat u jircievi l-intimat u l-facebook tal-intimat li wkoll kellu nformazzjoni ta' natura sesswali vide Dok. I 1 – 7.
15. Illi l-komportament tal-intimat kien tali li l-esponenti u l-minuri kellhom imorru jghixu Merhba Bik, anki wara laqgha li l-minuri E kellha ma school guidance teacher u l-parir tal-addetti tal-Agenzija Appogg u kien hemm ukoll bzonn tal-intervent tac-Child Protection services.
16. Illi minhabba dan, fl-interess tal-minuri l-kura u kustodja ghandha tkun f'idejn l-esponenti u l-access ghall-minuri tal-missier ghandu jkun fl-agenzija appogg u taht sorveljanza ta' addett tal-istess.
17. Illi l-partijiet diga ipprovdew ghal Separazzjoni tal-beni Dok. F.
18. Illi l-intimat ilu diversi xhur ma jghaddi manteniment lill-esponenti ghall-minuri. L-ahhar li hallas manteniment kien Marzu 2013.
19. Illi l-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet nru. 1019/13 (Dok. Dig)
20. Illi l-attrici tkun tista` telabora fuq il-fatti bid-dettal tul l-andament tal-kawza.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju tal-kontendenti minhabba il-htijiet imsemmija tal-konvenut.
2. Tordna li l-attrici tigi assenjata l-kura u l-kustodja tal-minuri E u D B ghal ragunijiet hawn fuq premessi.
3. Takkorda l-manteniment xieraq skont il-ligi lir-rikorrenti ghal ulied il-kontendenti.
4. Tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom G.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha kkonferma (fol. 260) :

1. Preliminarjament l-intimat jeccepixxi n-nullita tar-rikors mahluf peress li l-attrici diga rriteniet li ma tifhimx bil-lingwa maltija u ghalhekk isegwi li hi ma tafx fuq xiex hadet guarament u ghalhekk kull gurament li hija setghet hadet huwa null u mhux validu skont il-ligi;
2. Illi fil-mertu, dwar l-ewwel talba, l-esponenti jirrileva li huwa jaqbel li din l-qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet li ghalihom tahti l-attrici, fosthom adulterju u, abbandun, eccessi, sevizzi u ngurji gravi u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi dwar it-tieni talba, din ghandha tigi michuda u dana stante li ma huwiex fl-interess tal-minuri E u D B li jkunu affidati fil-kura tal-attrici u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi ghalhekk l-esponenti jikkontendi li l-kura u l-kustodja tal-minuri E u D ghandha tigi affidata f'idejn missierhom l-esponenti u li l-Qorti ghandha tiffissa access a favur l-attrici, taht dawk l-ordnijiet u provvedimenti li joghgobha tipprefiggi;
4. Illi dwar it-tielet talba, l-esponenti jikkontendi li din ghandha tigi michuda u dana stante li hija l-attrici li ghandha tigi ordnata thallas manteniment ghall-ulied minuri tal-partijiet stante li l-esponenti jikkontendi li dawn ghandhom ikunu affidati fil-kura tieghu; Illi dwar it-talba ghall-manteniment ghar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva li martu ddekatiet mid-dritt ghall-manteniment stante li hi

ghandha relazzjoni adultera ma' sieheb barrani u dan kif ser jigi ppurvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghaldaqstant dik il-parti tat-talba li tirrigwarda l-manteniment pagabbli lill-attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontriha;

5. Illi dwar ir-raba talba, l-esponenti ma jopponix ghat-talba tal-attrici li tirreverti ghall-kunjomha ta' xebba u cioe G;
6. Illi in oltre, t-talbiet kif proposti mill-attrici huma insostenibbli stante li:
   - (i) Ma hemmx talba sabiex il-Qorti taqsam il-proprjeta li ghad ghandhom in komun il-partijiet bejniethom;
   - (ii) Lanqas ma hemm talba sabiex il-Qorti tiffissa access a favur xi parti – nuqqas li juri li l-intendiment tal-attrici huwa biss li jcahhad lill-esponenti minn kull kuntatt mal-minuri, xi haga li l-attrici diga ppruvat taghmel bil-manipulazzjonijiet taghha f'din il-kawza, u dan bi zlealta kbira u bi pregudizzju kbir ghall-minuri D, li gie sottomess ghal trawma kbira meta gew il-pulizija biex jigbruh mir-residenza ta' missieru;
7. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju gha-suespost, l-esponenti jirriserva minn issa l-isfilz tad-dokumenti mmarkati Dokument I1 – Dokument I7, pprezentati mill-attrici stante li huma foloz, u jirrizerva wkoll li jiehu l-passu kriminali kollha kontra l-attrici minhabba dan;
8. Illi dwar l-allegazzjonijiet li hemm fil-konfront tal-esponenti, l-esponenti kategorikament jaghmel referenza ghall-fatt li l-kazijiet li ghalihom tinsinwa l-attrici ghadhom sub-judice, u li hi kienet martu, konxja u konsapevoli tac-cirkostanzi sfortunati li kien sab fihom l-esponenti u qatt ma lmentat dwar dan l-akkadut, u huwa issa biss li l-attrici qieghda tipprova thammeg lill-esponenti, li dejjem gab ruhu ta' ragel mizzewweg u mantna u pprovda ghall-familtu. Biss biss l-ammissjoni li tant qieghda taghmel xenarju biha l-attrici giet deciza qabel ma twieled l-iben minuri tal-partijiet u dan jikkonferma li l-partijiet kienu f'relazzjoni tajba, u se mai, martu kienet komplici mieghu f'kull agir li bih issa qieghda titkaza.
9. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

10. Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli bil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut C B li permezz taghha jikkonferma:

1. Illi l-konvenut C B jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra l-attrici A B;
2. Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta'Dicembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. FC 1).
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, E B u D B li ghandhom erbatax (14) u disgha (9) snin rispettivament;
4. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid u adulterju fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonat;
5. Illi l-attrici rikonvenzjonata dejjem mohha biex timmanipula lill-minuri u ddawarhom kontra missierhom u dana ghax issa hadet dak li riedet minghand l-esponenti.
6. Illi l-attrici rikonvenzjonata dejjem tara kif timmanipola c-cirkostanzi tant li anki hadet il-ligi f'idejha u biddlet is-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali minghajr il-kunsens tal-esponenti u bi ksur anki ta' digriet moghti pendente lite minn din l-Qorti.
7. Illi kien fid-dawl ta' din it-tip ta' attitudni, fejn l-attrici rikonvezjonata dejjem taghmel dak li jidhrilha u li trid li minhabba f'dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata;
8. Illi l-esponenti gie debitament awtorizzat sabiex jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet moghti nhar il-15 ta' Mejju 2013 (Digriet tal-awtorizazzjoni anness u mmarkat Dok. FC 2);
9. Illi l-partijiet ghandhom is-separazzjoni tal-beni liema regime ser japplika ghalihom biss mill-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u ghalkemm huma ghandhom dan ir-regime huma ghandhom propjeta' li

baqghet in komun bejniethom, liema proprjeta jinhtieg li tinqasam bejn il-partijiet f'zewg sehemijiet ugwali u fin-nuqqas, u cioe' f'kaz li din ma tkun komodament divizibbli din ghandha tinbiegh permezz ta' licitazzjoni u dana skont il-ligi; (kopja tas-separazzjoni tal-beni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument FC 3).

Talab lill-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvezjonat sabiex jghix separatament minn mal-attrici rikonvezjonata;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E u D B lill-konvenut rikonvenzjonat;
3. Tordna li r-residenza tal-minuri E B u D B tkun mal-konvenut rikonvenzjonat;
4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvezjonata lill-konvenut rikonvezjonat filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha/jista' jkollha jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja;
5. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut rikonvenzjonat;
6. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-konvenut rikonvenzjonat;
7. Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tivvaka mid-dar matrimonjali li tinsab Flat 1, Block B, Entrance 2, Tas Swatar, Msida;

8. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond matrimonjali li jinsab Flat 1, Block B, Entrance 2, Tas Swatar, Msida. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
9. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonat l-beni kollha dotali u /jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-Medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta tal-attriċi A B għall-kontro talba tal-konvenut[1] illi permezz tagħha hija eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, ir-risposta ġuramentata u l-kontro-talba ta' C B, għandhom jiġu sfilzati mill-atti in vista li ma ġewx ippreżentati bil-lingwa Ingliża kif iddekretat il-Qorti fit-2 ta' Ottubru 2013;

2. Illi C B kien konsapevoli ta' dan id-digriet in vista li jirreferi għalih fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

[1] Illi din ir-risposta ġiet intavolat biss bil-lingwa Ingliża. Illi s-segwenti hija traduzzjoni tagħha minn din il-Qorti.

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar l-ewwel talba, is-separazzjoni personali bejn il-partijiet għandha tiġi ppronunzjata għall-ħtijiet imputabbli lill-konvenut;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar it-tieni talba, il-kura u l-kustodja tal-minuri E u D B għandhom ikunu fdati lir-rikorrenti;

5. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar it-tielet talba, il-minuri E u D B għandhom jirrisjedu mar-rikorrenti;

6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar ir-raba' talba, m'għandux ikun likwidat manteniment kif mitlub fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut;

7. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar il-ħames talba, ir-rikorrenti qatt ma talbet manteniment għaliha;

8. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar is-sitt talba, l-artikoli relevanti tal-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront taż-żewġ partijiet;

9. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar is-seba' talba, il-Qorti għandha tiċħad kwalsiasi talba sabiex ir-rikorrenti tivvaka l-Appartament 1, Blokk B, Entratura 2, Tas-Swatar, Msida, billi l-imsemmi apartament mhuwiex inkluż fir-reġim tas-separazzjoni tal-assi applikabbli bejn il-partijiet u dejjem kienet ix-xewqa tal-partijiet illi r-rikorrenti tirrisjedi fl-imsemmi appartament mal-minuri, u dan sabiex jipprovdulhom ambjent familjari stabbli;

10. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar it-tmien talba, isegwi illi m'għandux ikun hemm il-bejgħ b'subbasta tal-Appartament 1, Blokk B, Entratura 2, Tas-Swatar, Msida, billi l-imsemmi apartament mhuwiex inkluż fir-reġim tas-separazzjoni tal-assi applikabbli bejn il-partijiet u dejjem kienet ix-xewqa tal-partijiet illi r-rikorrenti tirrisjedi fl-imsemmi appartament mal-minuri, u dan sabiex jipprovdulhom ambjent familjari stabbli;

11. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar id-disa' talba, mandat ta' deskrizzjoni 211/13/MG rigward l-Appartament 1, Blokk B, Entratura 2, Tas-Swatar, Msida flimkien mal-immobbli kollha ta' ġo fih;

12. Mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 2013[2], illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi A B sabiex il-proċeduri odjerni jitkomplew bil-lingwa Ingliża. Rat illi fil-mori tal-proċeduri, A B abbandunat il-kawża u konsegwentement ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawha fl-assenza tagħha. Illi għaldaqstant m'għad hemm l-ebda ħtieġa sabiex il-proċeduri jitkomplew bil-lingwa Ingliża. Bil-preżenti, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tagħha tal-2 ta' Ottubru 2013, u tordna illi l-proċeduri jitkomplew bil-Malti;

[2] Fol. 185;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015[3], illi permezz tiegħu inħatru l-kuraturi għan-nom tal-attriċi A B, in vista li din abbandunat il-proċeduri u possibilment telqet minn Malta.

Rat illi minkejja t-tentattivi tal-kuratur deputat Dottor Christopher Chircop sabiex jikkomunika mal-attriċi permezz tal-posta elettronika[4], din baqgħet ma weġbitux.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut[5] u n-nota risponsiva tal-Kuraturi Deputati[6];

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess id-29 ta' Novembru 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[7].

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrenti" u/jew l-"attriċi" u għal C sive C B bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

---

3 Fol. 775;
4 Email esebita fol. 873;
5 Ippreżentata fit-28 ta' Settembru 2018;
6 Ippreżentata fit-30 ta' Ottubru 2018;
7 Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata tal-attriċi[8] li permezz tagħhom l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna. Hija titlob li l-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba l-komportament abbużiv tiegħu;
- Takkordalha l-kura u l-kustodja t'uliedha minuri E u D;
- Takkorda manteniment xieraq għall-imsemmija ulied minuri imħallas lilha mill-konvenut;
- Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha "G";

Tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabilita`għat-tkissir taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi;
- Tawtorizzah jgħix separatament mill-attriċi;
- Takkordalu l-kura u l-kustodja tal-minuri E u D illi għandhom jirrisjedu miegħu;
- Takkorda manteniment xieraq għall-imsemmija minuri imħallsa lilu mill-attriċi;
- Tiddikjara illi l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment mingħandu; u tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Tordna lill-attriċi tivvaka mid-dar matrimonjali u tordna li l-imsemmi fond ikun mibjugħ b'liċitazzjoni;
- Tikkundanna lill-attriċi tirrestitwilu l-beni kollha dotali u/jew parafernali tiegħu;

[8] Fol. 195;

Bħala fatt jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Diċembru 1997 fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta[9]; Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied: it-tifla E imwielda fil-25 ta' Settembru 1999[10] illi għalhekk preżentement għandha dsatax-il sena; it-tifel D imwieled fis-6 ta' Mejju 2004[11] illi preżentement għandu erbatax-il sena.

## 1. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

L-attriċi tirrileva illi l-konvenut ġie akkużat illi għex għal kollox jew in parte mill-qligħ tal-prostituzzjoni ta' mara Tajlandiża u li amministra post għal skop ta' prostituzzjoni. Fuq ammissjoni huwa nstab ħati u ġie kkundannat għal sena priġunerija sospiża għal erba' snin.[12] Esebiet ukoll sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jirreferu għal proċeduri kriminali oħrajn fil-konfront tal-konvenut u imputati oħrajn.[13] Dwar dawn l-akkużi, il-konvenut ma jiċħadx l-involviment tiegħu fil-prostituzzjoni, iżda jgħid illi martu kienet ben konsapevoli dwar dan u qatt ma lmentat dwaru. Jgħid illi hija kienet kompliċi miegħu f'dan l-aġir li preżentement qiegħda titkaża bih.

L-attriċi esebiet ukoll serje ta' emails li jindikaw illi l-konvenut kien involut f'attivita` sesswali ma' nisa oħra, anke bi skop ta' qligħ ta' flus[14]. Jindikaw li kien iġib nisa hawn Malta sabiex jaħdmu f'attivitajiet sesswali. Dana sakemm il-partijiet kienu għadhom f'konvivenza matrimonjali. Il-konvenut jallega illi dawn id-dokumenti ppreżentati mill-attriċi huma foloz u rriżerva li jieħu l-passi kriminali kollha fil-konfront tal-attriċi.

Il-konvenut isostni illi martu għandha relazzjoni adultera ma' sieħeb barrani. Huwa esebixxa rapporti ta' investigaturi privati in

[9] Ċertifikat taż-żwieġ huwa esebit fol. 5 u fol. 272;
[10] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 7;
[11] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 8;
[12] Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 t'April 2003, Numru 296/2003 Maġistrat Antonio Mizzi;
[13] Referenza Kostituzzjonali 10/2009 deċiża mill-Onor Imħallef J. R. Micallef fis-16 ta' Frar 2011, fol. 11; kif ukoll l-Appell mill-istess sentenza, fol. 24;
[14] Fol. 40 et seq.

sostenn ta' dan.[15] Huwa jiċħad li kien vjolenti fuq martu u jgħid li dina rrikorriet għax-xelter ta' Dar Merħba Bik meta qatt ma kienet għamlet rapport wieħed fil-konfront tiegħu mal-Pulizija dwar vjolenza domestika.

## 1.1 Dwar l-Adulterju

Il-Qorti tosserva illi ż-żewġ partijiet ma jinnegawx illi huma għandhom jew kellhom relazzjonijiet adulteri matul iż-żwieġ tagħhom. L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[16] Di piu, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[17]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[18] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

Fil-każ odjern, jirriżulta ampjament ippruvat, kif ukoll mhux ikkontestat, il-fatt li kull parti wettqet adulterju fiż-żwieġ. Dan jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju.

## 1.2. Dwar l-abbandun

---

[15] Fol. 851 u 865;

[16] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP);

[18] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP);

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-attriċi hija ħatja wkoll tal-abbandun, motiv għas-separazzjoni personali li huwa komminat fl-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[19] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet kien diġa sfaxxa minħabba t-tortijiet ta' adulterju reċiproku kif diġa ntqal. Is-sitwazzjoni ċertament kompliet tmur għall-agħar bl-abbandun tal-attriċi li allontanat ruħha u wkoll lil bintha minuri sia mid-dar konjugali, u wkoll mill-konvenut u mill-minuri l-ieħor. L-abbandun tagħha huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

---

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

1. L-abbandun ilu għaddej għal iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-aħħar komunikazzjoni tagħha mal-konvenut kien permezz ta' email mibgħuta minnha lilu fil-11 ta' Settembru 2015 fejn infurmatu li ċ-ċavetta tal-appartament tas-Swatar kienet tinsab fil-kaxxa tal-ittri[20]. Minn dakinhar, kemm il-konvenut u wkoll ibnu minuri D ma semgħux aħbarha u lanqas xejn dwar E. L-attriċi qatgħet ukoll kull kuntatt mal-avukat difensur tagħha, tant li din irrinunzjat għall-patroċinju tagħha.[21] Sal-lum qatt ma rritornat lura, u lanqas ma għamlet kuntatt mal-kuraturi nnominati sabiex jirrappreżentawha. Konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tagħha li ma terġax tmur tirrisjedi mal-konvenut.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Minkejja li l-partijiet kienu maqbuda f'battalja legali intensiva, l-attriċi qabdet u telqet ħabta u sabta, mingħajr ma offriet ebda spjegazzjoni. Hija kienet indunat li żewġha kien qiegħed isegwi l-passi tagħha permezz tal-investigaturi privati u kienet irrapportat dan l-aġir mal-Pulizija. Madankollu ma kienx ġustifikat li hija titlaq definittivament biex b'hekk isseverat kull legami bejnha u binha u wkoll bejn bintha u l-missier u bejn l-istess aħwa, u b'dan l-aġir ħassret kull tama u kull sforz tal-professjonisti li dawn ir-relazzjonijiet setgħu, b'passi meqjusa, jiġu reintegrati.

### 1.3 Dwar l-eċċessi, l-moħqrija, l-minaċċi u l-inġurji gravi

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, <u>jew kontra xi</u>***

[20] Email esebita fol. 791;
[21] Nota tal-Avukat Dottor Lara Dimitrijevic tal-4 ta' Marzu 2015, fol. 718;

***<u>wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu</u>[22], jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[23] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud</u>[24]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Illi m'hemmx dubju li l-aġir taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' uliedhom kien ta' moħqrija fil-konfront tagħhom. Mhux biss kull parti weġġħet lill-minuri tas-sess oppost, talli weġġgħet ukoll lil wild tal-istess sess, billi sseverathom mill-ġenitur l-ieħor u minn ħuhom / oħthom.

Oltre milli hija osservazzjoni tal-Qorti, din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Psikologa I Sammut illi kif jiġi elaborat iktar 'il quddiem, ikkonstatat illi *"both parents have been involved, maybe with the best of intentions, in efforts to alienate each child from their opposite sex parents. And what a good job they have done too, that they have even managed to damage the sibling relationship in the process too."*[25] Saret ħsara psikoloġika kbira liż-żewġ minuri tant li E kienet qiegħda tweġġa' lilha nnifisha, kif ukoll ħsara fiżika fejn D safa bi tbenġil u feriti oħra ħfief fi ġliedha biex dan jerġa' jittieħed lura mingħand il-missier għand l-omm.

---

[22] Sottolinear tal-Qorti;

[23] Ara s-Sentenza fl-ismijiet <u>Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi</u>**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[24] Vol. XLV C.ii.708

[25] Paġna 18 tar-Rapport ta' I Sammut.

Dan l-aġir tal-partijiet huwa tassew deplorabbli u sfortunament, minħabba l-abbandun tal-attriċi, il-Qorti ma tistax tieħu passi bit-tama li jkun hemm rikonċiljazzjoni fil-familja.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu suespost, il-Qorti tirrileva li ċertament m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partjiet konjuġi B u lanqas m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtijiet ugwali bejniethom - l-attriċi li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, abbandun u moħqrija, u l-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' adulterju u moħqrija.

## 1.4 Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba tal-konvenut għall-konverżjoni tal-azzjoni odjerna tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[26]

---

[26] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien minn qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna fl-20 ta' Ġunju 2013. Fl-1 t'April 2013, il-partijiet kienu talbu li jibdew il-proċeduri tal-medjazzjoni.[27] F'din id-data, huma kienu diġa jgħixu separatament. Fil-mori tal-proċeduri, huma qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. Anzi l-attriċi probabbilment telqet minn Malta u lanqs huwa risaput fejn tinsab. M'hemmx dubju li l-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fl-24 ta' Mejju 2017.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn ħames snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment (kif ser ikun elaborat iktar 'il quddiem);

## 2. Dwar il-Kura u l-Kustodja ta' ulied il-partijiet

Illi l-kura u l-kustodja ta' ulied il-partijiet kienet l-ikbar kontenzjoni matul il-proċeduri ta' firda bejn il-partijiet, b'dana illi inizjalment iż-żewġ partijiet kienu qegħdin jitolbu li jkollhom il-kura u l-kustodja esklussiva taż-żewġ uliedhom. Kien hemm serje ta' rikorsi ippreżentati f'dan ir-rigward u digrieti li ngħataw fil-mori tal-proċediment.

i) Digriet tal-**11 ta' Settembru 2013**[28], illi permezz tiegħu, il-Qorti ordnat illi l-minuri D B jiġi immedjatament ritornat fil-kura ta' ommu, wara li missieru ossia l-konvenut irrifjuta li jirritornah;

ii) Digriet tat-**23 ta' Settembru 2013**[29], illi permezz tiegħu, il-Qorti ssospendiet l-effetti tad-digriet tagħha tal-11 ta'

[27] Ittra konġunta u digriet tal-awtorizzazzjoni fol. 149;

[28] Fol. 212;

[29] Fol. 576;

Settembru 2013 u appuntat lill-Psikologa I Sammut sabiex tirrelata dwar it-talbiet tal-konvenut kif dedotti fir-rikors tiegħu tal-istess data;

iii) Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Tanya Sammut Catania, ippreżentat fl-**4 ta' Novembru 2013**, miżmum issiġillat fuq ordni tal-Qorti[30];

iv) Digriet tal-**5 ta' Novembru 2013**[31], illi permezz tiegħu, il-Qorti ordnat illi l-minuri E tgħix mal-omm u ma jkunx hemm aċċess versu l-missier u fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri E lill-omm; Ordnat ukoll illi l-kura u l-kustodja tal-minuri D tkun ukoll f'idejn l-omm b'dan illi l-missier ikollu aċċess għall-minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis wara li tispiċċa l-iskola sat-8.00pm u f'dawn il-ġranet il-missier irid iwassal u jiġbor lit-tifel mill-attivitajiet tiegħu tal-futbol. Il-missier ġie ordnat jara lit-tifel ukoll fil-weekend b'mod alternat mill-Ġimgħa wara l-iskola sal-għada s-Sibt fis-6.00pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fis-6.00pm sal-għada l-Ħadd fis-6.00pm. Il-Qorti ordnat illi l-missier ma jieħux lit-tifel miegħu fuq il-post tax-xogħol.

v) Digriet tal-**21 ta' Novembru 2013**[32], illi permezz tiegħu, il-Qorti estendiet l-inkarigu ta' I Sammut sabiex tirrelata wkoll dwar il-minuri E B;

vi) Digriet tas-**27 ta' Novembru 2013**[33], fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tal-15 ta' Lulju 2013 u cioe illi *pendente lite* tiġi assenjata bil-kura u l-kustodja tal-minuri E u D, li l-aċċess tal-

---

[30] Mehmuż mal-qoxra tat-tieni volum tal-proċess;
[31] Fol. 319;
[32] Fol. 567;
[33] Fol. 367;

missier ikun sorveljat fl-Aġenzija Appoġġ, u li takkorda manteniment xieraq għall-minuri pagabbli lir-rikorrenti.

vii) Digriet ieħor tas-**27 ta' Novembru 2013**[34], fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tat-3 t'Ottubru 2013 u cioe illi jkun enforzat id-digriet tal-11 ta' Settembru 2013;

viii) Digriet ieħor tas-**27 ta' Novembru 2013**[35], fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tat-3 t'Ottubru 2013 u cioe illi l-Qorti tiffissa ħinijiet tal-aċċess favur tagħha;

ix) Digriet tat-**3 ta' Diċembru 2013**[36], illi permezz tiegħu, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex il-minuri D jipparteċipa fi *training camp* tal-futbol, f'Torino;

x) Digriet tad-**9 ta' Diċembru 2013**[37], illi permezz tiegħu, il-Qorti reġgħet ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex il-minuri D jipparteċipa fi *training camp* tal-futbol, f'Torino;

xi) Digriet tal-**20 ta' Diċembru 2013**[38], illi permezz tiegħu, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex huwa jmur għall-btala mal-minuri D, ġewwa Londra;

xii) Rapport ta' I Sammut Clinical Psychologist maħtura mill-Qorti sabiex tirrelata dwar il-minuri E u D B, ippreżentat fl-**4 ta' Marzu 2014**[39];

---

[34] Fol. 383;
[35] Fol. 397;
[36] Fol. 420;
[37] Fol. 420;
[38] Fol. 459;
[39] Fol. 610;

xiii) Digriet tat-**23 ta' Mejju 2014**[40], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jattendi *tournament* tal-futbol ġewwa Siracusa bejn il-31 ta' Mejju 2014 u t-2 ta' Ġunju 2014;

xiv) Digriet tas-**17 ta' Ġunju 2014**[41], illi permezz tiegħu, il-Qorti ssospendiet temporanjament l-aċċess tal-attriċi versu l-minuri D;

xv) Digriet tad-**29 ta' Awwissu 2014**[42], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jmur fuq btala ma' missieru ġewwa Siracusa bejn it-30 ta' Awwissu 2014 u t-22 ta' Settembru 2014;

xvi) Digriet tad-**9 ta' Settembru 2014**[43], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex ikun hu li jipperċepixxi iċ-*childrens allowance*, pagabbli għall-minuri D;

xvii) Digriet tas-**7 ta' Ottubru 2014**[44], illi permezz tiegħu u bi ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti ħatret lil I H bħala terapista tal-familja, biex tassisti lill-familja B bir-rakkomandazzjonijiet mogħtija minn I Sammut;

xviii) Digriet tas-**6 ta' Novembru 2014**[45], illi permezz tiegħu, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex il-minuri E tipparteċipa *f'tournament* tal-*badminton* fi Sqallija;

xix) Digriet tal-**5 ta' Marzu 2015**[46], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jattendi

---

[40] Fol. 518;
[41] Fol. 540;
[42] Fol. 529;
[43] Fol. 544;
[44] Fol. 662;
[45] Fol. 672;

*tournament* tal-futbol ġewwa Turin bejn il-31 ta’ Marzu 2015 u s-7 ta’ April 2015;

xx) Digriet tas-**7 ta’ Awwissu 2015**[47], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jsiefer miegħu ġewwa Spanja bejn id-9 ta’ Awwissu 2015 u t-12 ta’ Awwissu 2015;

xxi) Digriet tal-**14 ta’ Awwissu 2015**[48], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jattendi *tournament* tal-futbol ġewwa Ragusa bejn l-20 ta’ Awwissu 2015 u l-15 ta’ Settembru 2015;

xxii) Digriet tal-**21 ta’ Diċembru 2015**[49], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi l-minuri D jsiefer miegħu ġewwa Londra bejn id-29 ta’ Diċembru 2015 u l-10 ta’ Jannar 2016;

xxiii) Digriet tas-**27 ta’ Frar 2018**[50], illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut illi jkun fdat waħdu bil-kura u l-kustodja tal-minuri D u li waħdu jkun jista’ jieħu deċiżjonijiet relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa tat-tifel;

xxiv) Digriet tad-**29 ta’ Awwissu 2018**, illi permezz tiegħu, il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex ikun awtorizzat japplika għall-passaport ta’ ibnu D mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-omm, liema passaport għandu jinżamm fil-pussess tal-missier;

---

[46] Fol. 719;
[47] Fol. 735;
[48] Fol. 743;
[49] Fol. 784;
[50] Fol. 894;

Il-konvenut jiddedika l-affidavit tiegħu[51] sabiex jixhed dwar in-nuqqasijiet tal-omm fil-konfront tal-minuri. Jgħid li din lit-tfal ma kinitx titmagħħom u li kienet tħalli l-friġġ vojta. Hu kien jieħu ħsieb jixtrilhom *take away* u l-frott fit-triq mill-iskola lejn id-dar, iżda meta tasal id-dar, l-attriċi kienet tarmilhom kollox. Xi drabi, it-tfal kellhom jilbsu l-ħwejjeġ maħmuġin għaliex ma kinitx taħsilhom. Ħliet ħafna enerġija biex taljenah mit-tfal b'azzjonijiet bħal meta biddlet is-serratura tal-appartament, neħħiet il-linja l-fissa tat-telefon, u neħħietilhom l-accounts ta' Skype li bih kienu jikkomunikaw ma' missierhom. Hija kienet tinsisti mat-tfal illi ż-żwieġ tagħhom tkisser għaliex missierhom kien kontinwament jiġri ma' nisa differenti. Iżid illi kienet għamlet il-cameras fid-dar biex b'hekk hija setgħet tissorvelja lit-tfal permezz tal-cameras, filwaqt illi hija tkun ix-xogħol u tgħix ħajjitha. Jispjega illi bejn l-1 ta' Marzu 2013 u t-3 ta' Marzu 2013, hija siefret mas-sieħeb tagħha[52] u ħalliet lit-tfal weħidhom mingħajr lanqas ma nfurmat lilu, anzi għamlet mezz li t-tfal ma jkollhomx kif jikkomunikaw miegħu. Iġġib l-iskuża li qiegħda xogħol u fil-verita` tkun qegħda tqatta' l-ħin mas-sieħeb tagħha.

L-attriċi esebiet żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali waħda ddatata is-6 ta' Mejju 2013[53] u oħra ddatata is-17 ta' Ġunju 2013[54], fejn hija ġiet illiberata mill-akkużi li kienet negliġenti fil-kura ta' uliedha minuri.

Il-Qorti qieset sewwa r-**rapport ta' l Sammut** illi ltaqgħet mhux inqas minn tnejn u għoxrin darba mal-membri tal-familja B, bejn Novembru tas-sena 2013 u Frar 2014; Hija osservat illi kull wieħed mill-partijiet stinka biex jaljena lil uliedu mill-parti l-oħra bir-riżultat illi Kayta tirrifjuta lil tiltaqa' ma' missierha u D jirrifjuta li jiltaqa' ma' ommu. Fil-proċess, ir-relazzjoni bejn l-aħwa tkissret ukoll.

E żvelat illi hija għandha rapport tajjeb ma' ommha għaliex kienu jikkomunikaw tajjeb u jaqsmu ħsibijiethom, anke jekk

[51] Fol. 840;

[52] Rapport mill-investigaturi ta' Khiron Security esebit fol. 851;

[53] Police vs. A B, deċiża mill-Maġistrat Anthony J. Vella, fol, 201;

[54] Police vs. A B, deċiża mill-Maġistrat Anthony J. Vella, fol, 203;

jiġġieldu ta' spiss. Hija kienet tħossha disgustata li kienet relatata ma' pimp (missierha) u kull darba li tarah, mill-ewwel tarah bħala pimp, għalhekk ma xtaqitx tiltaqa' iktar miegħu. Għandha memorja li kien joħodha miegħu f'hotel Buġibba bi kmamar ċkejknin u mwejjed tondi, li llum taf li kienet burdell. Tiftakru jsejħilha *"fat elephant".* Dwar ħuha, hija jimpurtaha minnu u tirreferi għall-inċident li kien hemm bejniethom f'Novembru bħala wieħed fejn hija kienet qiegħda tiddefendi ruħha. *"I want the normal D back not the one brianwashed by father that I am a prostitute."* Kienet tinkwieta fuq l-influwenza ħażina ta' missierha fuq ħuha, bil-kliem faħxi u ċ-ċajt oxxen. Xtaqet tiltaqa' ma' ħuha imma mhux għand l-Aġenzija Appoġġ. Issuġġeriet li z-zija paterna H forsi setgħet tlaqqagħhom, anke jekk din ma kinitx titkellem mal-konvenut.

D indikalha li kien kuntent jgħix ma' missieru għaliex dan kien jaħsillu ħwejġu u jitimgħu ikel tajjeb mhux zalzett biss. Huwa jorqod tajjeb u jieħu pjaċir. Missieru dejjem ikun miegħu meta ma jkunx l-iskola u fi tmiem il-ġimgħa jieħdu miegħu meta jkollu bżonn imur x'imkien. Huwa jixtieq "zero contact with mum" u ma jridhiex f'ħajtu għaliex din sawtitu u sfrattatlu l-vjaġġi lejn l-Italja. Ma jridx lanqas kuntatt ma' oħtu E għaliex din qatt ma ħadet ħsiebu meta kienu weħidhom u qatt m'għenitu bil-homework. Meta kien jgħix ma' ommu, kien iqatta' wisq ħin waħdu, u għalkemm ma kienx iħoss li għandu bżonn il-babysitter, kien jippreferi li ommu tkun magħhom id-dar.

Il-psikoloġista tikkonkludi li jekk ix-xewqat tat-tfal ma jkunux rispettati, u cioe illi kull wieħed jibqa' jgħix mal-ġenitur tal-istess sess, mingħajr ebda tip ta' kuntatt mal-ġenitur l-ieħor, wieħed sejjer jagħmel iktar ħsara milli ġid lill-istess minuri, li jidhru komdi b'dan l-arranġament. *"Both seem to have given up on the possibility of any reconciliation between the parents, even in their roles as parents, so in an effort of self-preservation, they may have chosen the path of less destruction."* Għalhekk jekk il-minuri jkunu sfurzati li jagħmlu kuntatt mal-ġenitur l-ieħor, f'dan l-istadju, ser issir iktar ħsara lill-ulied. Billi saritilhom diġa ħafna ħsara, il-minuri jeħtieġu sapport professjonali. Il-ġenituri wkoll jeħtieġu s-sapport professjonali fir-rwol tagħhom

bħala ġenituri, minn terapista li jkollha l-fiduċja tagħhom it-tnejn, li bil-mod tintegra lill-ulied ukoll fit-terapija.

Il-Qorti semgħet lil **I H**[55] illi xehdet li l-partijiet kienu kuntenti bl-arranġament fejn l-omm tieħu ħsieb lit-tifla, mentri l-missier jieħu ħsieb lit-tifel. It-tfal kienu jħossuhom sikuri ukoll b'dan l-arraġament għaliex *"they don't have to cross boundaries"*. It-tfal ma kienux għadhom jiltaqgħu bejniethom u kien meħtieġ li jiltaqgħu f'post newtrali bħalma hija d-dar tan-nanna.

Il-konvenut ipproduċa bħala xhud lil **K L** illi permezz tal-affidavit tiegħu[56] ikkonferma illi huwa ħabib tal-familja B. Jiddeskrivi li D bħala "fuq ruħu, dejjem nadif u kuntent...tifel eżemplari". Jgħid illi missieru, il-konvenut, għandu dedikazzjoni kbira bħala ġenitur, iwasslu kullimkien u qatt ma jħallih nieqes minn xejn. Minkejja illi ommu m'hijiex preżenti f'ħajtu, it-tifel baqa' sejjer tajjeb kemm fl-iskola, kif ukoll fil-futbol.

Xhud ieħor, **M N**[57], huwa l-kowċ tal-futbol tal-minuri D li jiddiskrevih bħala tifel ħelu wisq, b'karattru ferrieħi u jmur tajjeb ma' kulħadd. Jixhed illi minkejja li l-familja tal-minuri hija mifruda u l-omm m'hijiex preżenti, il-konvenut kien kapaċi jtella' lilt-tifel f'tant għożża, illi huwa tifel kif għandu jkun. Il-minuri dejjem imur għat-*training* nadif u fil-ħin. Il-konvenut iħallaslu l-ispejjeż kollha mingħajr ebda garr.

**<u>Bint il-partijiet E, illum hija maġġorenni u għalhekk inkwantu tirrigwarda lilha, din it-talba hija f'dan l-istadju, superfluwa.</u>**

Illi dwar il-minuri D, jirriżulta mill-atti, illi dana ilu minn Novembru 2013, jirrisjedi biss ma' missier u mingħajr ebda kuntatt ma' ommu. Huwa żvela mal-professjonisti li ġew appuntati sabiex jassistuh, illi kien ferm kuntent b'dan l-arranġament. Il-Qorti tqis illi preżentement il-minuri qiegħed jgħix ħajja stabbli fil-kura ta' missieru, li qiegħed jieħu ħsiebu sewwa ħafna, kif xehdu wkoll ix-xhieda prodotti.

---

[55] Udjenza tas-17 ta' Frar 2015, fol. 682.

[56] Fol. 820

[57] Affidavit fol. 821;

In vista ta' dan, u wkoll in vista li l-Qorti m'għandhiex wisq għażla, tenut kont l-abbandun tal-omm, qiegħed jiġi kkonfermat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri D qiegħda tiġi fdata esklussivament lil missieru il-konvenut C sive C B, li waħdu u mingħajr il-kunsens u/jew l-awtorizzazzjoni tal-attriċi, għandu jieħu kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti is-saħħa, l-edukazzjoni, ir-reliġjon, it-trobbija, is-safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri.

### 3. <u>Dwar il-Manteniment</u>

Ħadd mill-partijiet ma jitlob manteniment għalh innifsu. Iżda ż-żewġ partijiet jitolbu manteniment għall-minuri.

Il-konvenut esebixxa kopji ta' riċevuti relattivi għall-ispejjeż li għamel għal ibnu minuri D[58] fil-bidu tas-sena skolastika 2013/2014. Huwa jallega li bejn l-1 ta' Jannar 2014 u Mejju 2017 nefaq mat-tmienja u erbgħin elf Ewro fuq it-tifel u esebixxa prospett in sostenn ta' dan[59]. Jispjega illi l-minuri huwa promettenti fil-logħba tal-futboll u minn din is-sena beda jattendi skola tal-futbol ġewwa Spanja. Din l-iskola, li jisimha Academia Internacional Tecnifutbol & Escola Internacional del Camp, tiswa €39,500 ta' kull sena u t-tifel għandu jibqa' jattendi f'din l-iskola sal-eta` ta' tmintax-il sena u cioe għal ħames snin b'kollox.[60]

Il-Qorti tirrileva illi fil-mori tal-proċeduri ma ġie mitlub ebda manteniment għall-ulied *pendente lite.* L-unika talba relattiva kienet dik tal-konvenut, li ġiet milqugħa, sabiex ikun hu li jipperċepixxi ċ-*children's allowance* imħallsa għall-minuri D[61].

Illi għalhekk huwa preżunt, u m'hemmx provi li jikkontradixxu dana, illi fil-mori tal-proċediment, l-omm kienet qiegħda tħallas

---

[58] Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 ta' Ottubru 2013, fol. 232
[59] Fol. 866;
[60] Dokument FC13, fol. 875;
[61] Digriet tad-9 ta' Settembru 2014, fol. 544;

l-ispejjeż relattivi għall-minuri E, filwaqt illi l-missier kien qiegħed iħallas l-ispejjeż kollha relattivi għall-minuri D. Illi għaldaqstant, il-pretensjoni tal-konvenut[62] li l-attriċi tirrifondih nofs l-ispejjeż li ħallas hu għal D, li globalment laħħqu l-ammont ta' €48,2013.11, tirriżulta tassew infondata stante li huwa ma kkontribwixxa xejn għall-għixien tal-minuri E.

Inoltre, il-konvenut jippretendi li l-attriċi tirrifondih nofs l-ispiża li huwa qiegħed jagħmel sabiex il-minuri jattendi skola speċjalizzata fil-futbol. L-ispiża tlaħħaq is-somma ta' €39,500 kull sena għal ħames snin. Il-Qorti ma taqbilx.

Fl-ewwel lok, m'hemmx dubju li din kienet deċiżjoni unilaterali tiegħu li huwa ħa fl-aħjar interess ta' ibnu, iżda li l-attriċi qatt ma ġiet ikkonsultata dwarha, lanqas għal kull buon fini permezz ta' email, jew tentattiv tramite l-kuraturi. Ir-reġistrazzjoni tal-minuri fl-iskola saret qabel Novembru 2017[63], filwaqt illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ġew fdati lill-missier esklussivament iktar tard u cioe fi Frar 2018[64]. Għaldaqstant jirriżulta li huwa l-ewwel ħa d-deċiżjoni waħdu u irreġistra lil ibnu f'din l-iskola, u sussegwentement talab nofs l-ispiża mingħand l-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ħa d-deċiżjoni li jibgħat lil ibnu f'din l-iskola għaliex huwa waħdu għandu mezzi suffiċjenti sabiex iħallas il-miżata tagħha, mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-omm.

Fit-tieni lok, ma nġiebet lanqas prova minima dwar l-introjtu li tipperċepixxi l-attriċi preżentement jew dak li kienet tipperċepixxi sakemm kienet hawn Malta, sabiex il-Qorti tkun tista' tistabilixxi l-introjtu li hija kapaċi tipperċepixxi. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti m'għandhiex ħjiel jekk l-attriċi tiflaħx tħallas din l-ispiża għall-edukazzjoni tal-minuri.

Illi b'hekk, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu jibqa' jħallas waħdu il-manteniment għall-minuri D mingħajr dritt ta' rimbors mingħand l-attriċi. Fl-eventwalita` li E, bint il-partijiet, għadha tistudja b'mod fiss u għalhekk teħtieġ l-għajnuna

[62] Esposta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu;

[63] Dokument FC13, fol. 875;

[64] Digriet tas-27 ta' Frar 2018, fol. 894;

finanzjarja għall-għixien tagħha, għandha tkun l-attriċi weħidha li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tagħha skont il-liġi, mingħajr dritt ta' rimbors mingħand il-konvenut. Lanqas ma jkollha dritt l-attriċi għal rimbors mingħand il-konvenut tal-ispejjeż li hija ħallset għal E, mingħajr l-assistenza ta' żewġha, fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

## 4. <u>Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 52</u>

Permezz tas-sitt talba rikonvenzjonanti tiegħu, il-konvenut talab illi din il-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-attriċi li twieġeb illi l-artikoli relevanti tal-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront taż-żewġ partijiet.

Il-firda personali motivata mill-abbandun u mill-adulterju ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[65];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta'***

---

[65] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet huma ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin. L-attriċi hija ħatja wkoll ta' abbandunn. Fuq talba tal-konvenut sabiex tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 iċċitat, il-Qorti, ladarba sabet il-ħtija tal-adulterju u wkoll tal-abbandun, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ħtijiet tal-istess konvenut, li wkoll huwa ħatja t'adulterju, il-Qorti għandha l-fakolta` illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, u minkejja n-nuqqas tat-talba appożita mill-attriċi, tapplika wkoll l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut, kif effettivament sejra tagħmel.

## 5. <u>Dwar id-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti, id-Dar Matrimonjali u l-Assi Dotali u/jew Parafernali tal-Partijiet</u>

Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn in partijiet ġiet xolta permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco tal-11 ta' Mejju 2012[66]. Permezz tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet eskludew ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti u applikaw ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni. Stipulaw ukoll illi kwalsiasi dejn illi kien jinkombi l-komunjoni tal-akkwisti, ser ikun ir-responsabilita` esklussiva tar-raġel.

Illi mill-provi jirriżulta illi l-uniku ass li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti kien id-dar matrimonjali ossija l-fond Flat 1, Block 2B, Tas-Swatar, Imsida. Dan l-ass għadu jappartjeni

[66] Kopja Legali esebita, fol. 39 u fol. 274;

liż-żewġ partijiet flimkien, in vista li mat-terminazzjoni tal-akkwisti, huma naqsu illi jassenjawh lil xi ħadd minnhom u b'hekk l-appartament baqa' propjeta` komuni.

Il-fond kien ġie akkwistat mill-partijiet mill-poter tal-Awtorita` tad-Djar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut tas-16 ta' Settembru 2002[67]. Ġie stmat illi attwalment jiswa €85,000[68].

Illi l-mobbli fl-istess fond ġew elenkati in eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni fl-ismijiet inversi u nnumerat 211/13[69].

Illi dan il-fond kien sors ta' litigazzjoni kontinwa bejn il-partijiet u ngħataw diversi provvedimenti dwaru:

i) Digriet tat-**2 t'Ottubru 2013**[70], fejn il-Qorti caħdet it-talba tal-attriċi sabiex il-Qorti tawtorizzaha tbiddel is-serratura tal-fond.

ii) Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-**27 ta' Novembru 2013** fl-ismijiet Il-Pulizija vs. A V B,[71] fejn l-attriċi ġiet misjuba ħatja li eżerċitat dritt li tippretendi li għandha meta biddlet is-serratura tal-fond ġja matrimonjali. Hija ġiet ordnata illi tagħti kopja taċ-ċavetta lill-intimat fi żmien ġimagħtejn u €10 penali ta' kuljum li tibqa' inadempjenti; Minkejja li l-Qorti hija konsapevoli illi kien hemm appell minn din is-sentenza, m'hijiex konsapevoli dwar l-eżitu tal-istess appell.

[67] Kopja legali esebita fol. 830;
[68] Stima tal-Perit Robert Grech inkarigat mill-konvenut, iddatata id-19 ta' Settembru 2018.
[69] Kopja tal-istess mandat esebita, fol. 296;
[70] Fol. 177;
[71] Fol. 471 u 493;

iii) Digriet tas-**6 ta' Frar 2014**[72], fejn il-Qorti reġgħet caħdet it-talba tal-attriċi sabiex il-Qorti tawtorizzaha tbiddel is-serratura tal-fond.

iv) Digriet tat-**8 ta' April 2014**[73], illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut u cioe illi l-attriċi tirritonalu l-oġġetti kollha tal-minuri D; kif ukoll illi l-konvenut jaċċedi fid-dar matrimonjali bl-assistenza ta' uffiċjal tal-Pulizija sabiex jiġbor ħwejġu.

v) Digriet tal-**10 ta' Mejju 2016**[74], fejn il-Qorti awtorizzat lill-konvenut sabiex jaċċedi fil-fond ġja d-dar matrimonjali, illi kien ilu minn Settembru 2015 li ġie abbandunat mill-attriċi; L-aċċess effettivament sar fit-8 ta' Ġunju 2016 bl-assistenza tal-Marixxal u tal-Kuntistabbli PC401 Stephen Gherxi. Ma kienx meħtieġ sgass billi ċ-ċavetta kienet fil-kaxxa tal-ittri. Iċ-ċavetta tal-post ġiet iddepożitata fir-Reġistru tal-Qorti.

vi) Digriet tat-**2 ta' Lulju 2016**[75], illi permezz tiegħu, il-Qorti awtorizzat lill-konvenut sabiex jirtira ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali mir-Reġistru tal-Qorti;

Illi l-konvenut jippretendi illi l-fond li kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali għandu jiġi assenjat lilu għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu ta' manteniment għall-minuri D. Kif intqal iktar 'il fuq, il-Qorti ma laqgħetx il-pretensjoni tal-konvenut għall-imsemmi manteniment. Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni fil-liġi għaliex il-fond għandu jkun assenjat esklussivament lill-konvenut.

---

[72] Fol. 495;
[73] Fol. 501;
[74] Fol. 798;
[75] Fol. 804;

Inoltre, fil-fehma tal-Qorti u kif tajjeb jirrileva l-kuratur tal-assenti Dottor Chircop, il-valutazzjoni tal-fond mill-perit inkarigat mill-konvenut hija wisq konservattiva.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tinnomina lill-Perit Arkitett Dr. Robert Musumeci sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond Flat 1, Entrance 2, Block B (Triq il-Balliju Gutenberg), Tas-Swatar, Imsida, fil-kondizzjoni attwali illi jinsab fiha.

Illi l-fond għandu jinbiegħ fis-suq miftuħ bi prezz mhux inqas minn dak stabbilit mill-Perit nominat bir-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Il-konvenut ikollu l-fakolta` u l-ewwel preferenza għal terminu ta' sitt xhur mill-preżenti, li jakkwista sehem l-attriċi mill-istess fond, billi jħallas nofs il-valur mogħti mill-imsemmi Perit. Il-Qorti qiegħda tinnomina lin-Nutar Dottor Melvin Polidano sabiex jippubblika l-att relattiv, lill-Avukat Christopher Chircop sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-attrici u lill-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur legali Joeline Pace Ciscaldi sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-konvenut. Illi jekk il-post ma jinbiegħx fis-suq miftuħ fi żmien tmintax-il xahar mill-preżenti, kull parti tkun tista' titlob li-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni.

Fl-eventwalita` li l-attriċi tibqa' assenti u kontumaċi, ir-rikavat tal-attriċi mill-imsemmi bejgħ, ikun iddepożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti sabiex ikun jista' jiġi liberalment żbankat minnha.

Dwar il-mobbli li jinsabu fl-imsemmi fond, in vista li l-attriċi abbandunat il-fond mingħajr eżitazzjoni u jidher li m'għandha l-ebda interess ulterjuri fl-imsemmija mobbli, il-mobbli kollha li qegħdin elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni ġja ċċitat, qegħdin jiġu assenjati lill-konvenut, mingħajr ebda obbligu ta' kumpens favur l-attriċi.

## 6. Dwar kunjom l-attriċi

Illi permezz tar-raba' talba tagħha kontenuta fir-rikors ġuramentat, l-attriċi talbet lill-Qorti tawtorizzaha tirriverti għal

kunjom xbubitha u cioe G. Il-Qorti qed tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

[2] Tiċħad it-tieni talba tal-attriċi;

[3] Tiċħad it-tielet talba tal-attriċi;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti billi tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha G;

[5] Tilqa' limitatament it-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut billi tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri D B, imwieled fis-6 ta' Mejju 2004, qiegħdin jiġu fdati esklussivament lil missieru, il-konvenut C sive C B, li waħdu u mingħajr il-kunsens u/jew l-awtorizzazzjoni tal-attriċi, għandu jieħu kwalsijasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti is-saħħa, l-edukazzjoni, ir-reliġjon, it-trobbija, is-safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri.

[6] Tilqa' limitatament it-tielet talba rikonvenzjonali tal-konvenut billi tiddikjara illi r-residenza tal-minuri D B għandha tkun mal-konvenut;

[7] Tiċħad ir-raba' talba rikonvenzjonali tal-konvenut;

[8] Tilqa' il-ħames u s-sitt talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-istess Kapitolu tapplika wkoll l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut.

[9] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba rikonvenzjonali tal-konvenut billi f'dan l-istadju hija superfluwa, iżda għal kull buon fini tiddikjara illi l-fond Flat 1, Entrance 2, Block B (Triq il-Balliju Gutenberg), Tas-Swatar, Imsida, m'għadux jikkostitwixxi id-dar matrimonjali tal-partijiet.

[10] Dwar l-istess fond qiegħda tinnomina lill-Perit Arkitett Dr. Robert Musumeci sabiex jagħmel valutazzjoni tiegħu, fil-kondizzjoni attwali illi jinsab fiha. Tordna illi l-fond għandu jinbiegħ fis-suq miftuħ, bi prezz mhux inqas minn dak stabbilit mill-Perit nominat u r-rikavat tiegħu jinqasam mill-partijiet ugwalment. Il-konvenut ikollu l-fakolta` u l-ewwel preferenza għal terminu ta' sitt xhur mill-preżenti, li jakkwista sehem l-attriċi mill-istess fond billi jħallas nofs il-valur mogħti mill-imsemmi Perit. Il-Qorti qiegħda tinnomina lin-Nutar Dottor Melvin Polidano sabiex jippubblika l-att relattiv, lill-Avukat Christopher Chircop sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-attriċi, u lill-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur legali Joeline Pace Ciscaldi sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-konvenut. Il-Qorti tordna illi jekk il-post ma jinbiegħx fis-suq miftuħ fi żmien tmintax-il xahar mill-preżenti, kull parti tkun tista' titlob li-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni. Fl-eventwalita` li l-attriċi tibqa' assenti u kontumaċi, ir-rikavat tal-attriċi mill-imsemmi bejgħ, ikun iddepożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti sabiex ikun jista' jiġi liberalment żbankat minnha.

[11] Tiċħad id-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

[12] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż relattivi għar-rikorsi kollha, il-mandati kollha fl-ismijiet premessi u/jew fl-ismijiet inversi, il-valutazzjoni tal-fond ġja matrimonjali u l-ispejjeż għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv għall-istess fond inkluż id-drittijiet tan-Nutar nominat, in vista tal-ħtijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taż-żwieġ, dawn jkunu sopportati b'mod ugwali mill-partijiet, għajr għad-drittijiet tal-kuraturi f'din il-kawża u fl-eventwali kontumaċja ta' xi parti, liema drittijiet jitħallsu esklussivament mill-parti assenti / kontumaċi. Il-Qorti, bil-preżenti, tawtorizza lill-Kuraturi sabiex jiżbankaw id-drittijiet professjonali tagħhom minn sehem l-assenti/kontumaċi mir-rikavat tal-bejgħ tal-imsemmi fond.